SAN GILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 12,
Tel : 21373111 Fax : 21373444
e-mail: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 21/K5/06

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 25/09/'06 210**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 25/09/'06 263**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar it-Tnejn 25 ta' Settembru 2006.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00 p.m.

1.03 Preżenti: Seba' membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Iskrivana Lindsay Debattista.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fid-19 ta' Settembru 2006. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Ġieh San Ġiljan
4. Attivita' Kulturali u Oħrajn
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 19/K5/06 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 19/K5/06.

1.3.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 20/K5/06 għall-approvazzjoni.

1.3.06 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 20/K5/06.

1.3.07 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondaha.

1.3.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.09 Il-Kunsillier Norman Vella wasal 2.10 p.m.

**2. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma: -

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 3711 | E-mail mingħand Faces Consultants Ltd. rigward il-Bus Shelter f'Ta' Ġiorni. |
| 3760 | Ittra mingħand il-Fundazzjoni Eden rigward l-Edenfest '06. |
| 3847 | E-mail mingħand is-Sinjura Liliana G. Mifsud rigward korsijiet tal-bizzilla. |
| 3887 | E-mail mingħand is-Sur Mark Anthony Vella rigward il-ktieb Malta at War. |
| 3894 | E-mail mingħand l-Ispettur Simon Galea rigward il-laqgħat mal-"Police Liason Officers". |
| 3943 | Ittra mingħand Primary Health Care rigward Infuenza Vaccine Campaign 2006. |
| 3958 | Ittra mingħand il-Maltacom p.l.c. dwar talba għad-dettalji bankarji tal-Kunsill. |
| 3980 | Ittra mingħand is-Sur Ant. Agius Muscat rigward l-Iskema ta' Parking Preferenzjali għar-Residenti. |

3988 Ittra mingħand il-Perit A. Testaferrata De Noto rigward "Bicycle Racks Pilot Project".

4006 Ittra mingħand is-Sur Anthony Brincat rigward bollards illegali li hemm fi Triq Paceville.

4018 E-mail mingħand Schranz Ltd. rigward il-Kurridur Ekoloġiku f'Ta' Ġiorni.

4020 E-mail mingħand is-Sur David Tortell rigward overflow fid-Dar Stella Alpina.

4038 & 4089 E-mails mingħand l-Environmental Landscapes Consortium Ltd. rigward is-Siġar taż-Żebbuġ madwar il-Promenade ta' San Ġiljan.

4087 Ittra mingħand it-Traffic Management Directorate rigward Triq Margarite Mangion u ir-*road hump* fi Triq Elia Zammit.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi: -**

2.02 Rif. Nru. 3711

Saret riferenza għall-e-mail mingħand Faces Consultants Ltd. rigward il-Bus Shelter f'Ta' Ġiorni. Ġie deċiż unanimament li s-Sindku Peter Bonello jipprovdi lill-amministrazzjoni b'ritratt u 'site plan' immarkata.

2.03 Rif. Nru. 3760

B'riferenza għall-ittra mingħand il-Fundazzjoni Eden rigward l-Edenfest '06, ġie deċiż unanimament li tintbagħat donazzjoni ta' Lm50 lill-Fundazzjoni Eden.

2.04 Rif. Nru. 3847

Saret riferenza għall-e-mail mingħand is-Sinjura Liliana G. Mifsud rigward korsijiet tal-bizzilla. Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker infurmat lill-Kunsill li dawn il-korsijiet mhux inklużi fil-Bye-Laws ta' l-2001 dwar l-Organizzazzjoni ta' Korsijiet (Kunsill Lokali San Ġiljan).

2.05 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament li:-

- s-Sindku Peter Bonello jikkomunika mas-Sinjura Liliana G. Mifsud.

- isir avviż fuq il-gazzetti (fis-sezzjoni attivitajiet ġenerali), fuq Education 22, fin-notice boards u fil-knejjes li ser isiru dawn il-korsijiet.

- l-Kunsill jieħu d-dettalji biss ta' min hu nteressat fil-kors tal-bizzilla.

2.06 Rif. Nru. 3887

B'riferenza għall-e-mail mingħand is-Sur Mark Anthony Vella rigward il-ktieb Malta at War, il-Kunsill ma qabilx li jinxtraw il-kotba.

2.07 Rif. Nru. 3894

Saret riferenza għall-e-mail mingħand l-Ispettur Simon Galea rigward il-laqgħat mal-"Police Liason Officers". Ġie deċiż unanimament li ssir laqgħa miegħu sabiex jiġu diskussi l-laqgħat li jsiru mal-"Police Liason Officers".

2.08 Rif. Nru. 3943

B'riferenza għall-ittra mingħand il-Primary Health Care rigward l-Influenza Vaccine Campaign 2006, ġie deċiż unanimament li jsiru avviżi fuq il-gazzetti (fis-sezzjoni ta' l-attivitajiet ġenerali), fuq Education 22, fin-notice boards, u fil-knejjes li għal sena oħra konsekuttiva ser tingħata l-injection ta' l-influwenza bla ħlas lil min hu eleġibbli li jeħoda.

2.09 Il-Kunsillier David Borg wasal fit-2.40 p.m.

2.10 Rif. Nru. 3958

Saret riferenza għall-ittra mingħand il-Maltacom p.l.c. dwar talba għad-dettalji bankarji, tal-Kunsill. Ġie deċiż unanimament li l-Maltacom p.l.c. tiġi nfurmata li l-Kunsill ma jistax jifhem għal liema raġuni qed tintalab din l-informazzjoni peress li l-Kunsill mhux "supplier" tagħhom.

2.11 Rif. Nru. 3980

B'riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Ant. Agius Muscat rigward l-iSkema tal-Parkeġġ Residenzjali ġie deċiż unanimament li l-Kunsillier Edgar Montanaro jirrispondi din l-ittra.

2.12 Rif. Nru. 3988

Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Awtorita' dwar it-Trasport rigward "Bicycle Racks Pilot Project". Ġie deċiż unanimament li

l-Awtorita' tiġi nfurmata li fejn il-monument tal-LOVE jgħaddu ħafna nies u għalhekk il-Kunsill jidhirlu li l-'bicycle racks' għandhom jsiru fil-pjazza u mhux ħdejn il-monument. Il-Kunsill jispera li l-proposta tiegħu tiġi kkunsidrata.

2.13 Rif. Nru. 4006

B'riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Anthony Brincat rigward bollards illegali li hemm fi Triq Paceville ġie deċiż unanimament li jiġi nfurmat li din hija r-responsabbilta' tal-pulizija u mhux tal-Kunsill.

2.14 Rif. Nru. 4018

Saret riferenza għall-ittra mingħand Schranz Ltd. rigward il-Kurridur Ekoloġiku f'Ta' Ġiorni. Ġie deċiż li ssir item fuq l-aġenda dwar il-Proġett u li jkun preżenti s-Sur Albert Borg mill-MP&DC biex jispjega lill-Kunsill f'liema stadju wasal il-proġett. Iċ-Chairman Peter Bonello nforma lill-Kunsill li rċieva sms mingħand il-Perit Anton Camilleri biex jiltaqa' miegħu nhar il-Ġimgħa 29 ta' Settembru 2006. Il-Kunsill qabel unanimament li jekk din il-laqgħa hija b'konnessjoni mal-proġett il-Kunsill jiġi nfurmat biex jattendi u li jkunu preżenti wkoll is-Sur Albert Borg ta' l-MP&DC u s-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker.

2.15 Rif. Nru. 4020

B'riferenza għall-e-mail mingħand is-Sur David Tortell rigward overflow fid-Dar Stella Alpina ġie deċiż unanimament li tintbagħat kopja ta' l-ittra tal-Perit (inc. ref. 1082 / 06 ) lis-Sur Tortell u jiġi nfurmat li l-Kunsill ser jibqa jżomm mad-deċiżjoni tal-Perit.

2.16 Rif. Nru. 4038 u 4089

Saret riferenza għall-e-mails mingħand l-Environmental Landscapes Consortium Ltd. rigward is-siġar taż-żebbuġ madwar il-Promenade ta' San Ġiljan. Ġie deċiż unanimament li tintalab stima mingħand 34U sabiex jinżergħu siġar taż-żebbuġ mal-promenade. Ġie deċiż li jinżergħu xi siġar jew pjanti fi Triq Ivo Muscat Azzopardi ( il-parti magħrufa bħala ż-żiemel).

2.17 Rif. Nru. 4087

B'riferenza għal ittra mingħand it-Traffic Management Directorate rigward Triq Margarite Mangion u ir-'road hump' fi Triq Elia Zammit biex issir minn naħa tal-Kunsill, il-Kunsill ma sabx

oġġezzjoni. Ġie deċiż li l-Kunsill jistaqsi lill-ADT jekk ir-'road hump' jistgħux isiru tar-'rubber' u biex jingħata l-l'specifications'

## 3. Ġieh San Ġiljan

3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello nfurma lill-Kunsill li flimkien ma' l-Ex-Kunsillier John Agius saret lista ta' personaġġi li taw kontribut lil San Ġiljan sabiex dawn jiġu nnominati għal Ġieh San Ġiljan (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li:-

- mal-lista li ġiet ippreżentata, jiżdiedu s-Sur Tarcisio Giordani, l-Prof. Victor G. Griffiths u t-Tabib George Zarb.
- s-Sindku Peter Bonello jipprovdi ċ-C.V. tas-Sur Tarcisio Giordani u tat-Tabib George Zarb filwaqt li l-Kunsillier Edgar Montanaro jipprovdi ċ-C.V. l-Prof. Victor G. Griffiths.
- l-ispejjeż ta' riċeviment isiru permezz ta' sponsorship jew donazzjonijiet.
- l-programm ikun jikkonsisti minn daqq ta' vjolini, 'speech' tas-Sindku, għoti tal-midalji u ċertifikati u riċeviment għal madwar 150 persuna.
- s-Sindku Peter Bonello jieħu ħsieb fejn ser issir l-attivita', l-ikel u x-xorb, min jieħu r-ritratti , minn jdoqq u x-xiri tal-midalji.
- jinħarġu inviti, lill-Ambaxxata Ċiniża, lill-Membri Parlamentari tad-disa' u l-għaxar distrett, lill-Kappillani, lill-Presidenti, lis-Segretarji u lill-Kaxxiera tal-Baned u lill-ex-Kunsillier John Agius minħabba li dan kien fil-kumitat biex intgħażlu l-persuni li ser jingħataw Ġieh San Ġiljan.
- l-attivita' ssir qabel il-15 t'Ottubru 2006.
- s-serata tiġi mmexxija mis-Sur Vincent Vassallo.

3.03 Il-Kunsill David Borg ġie skużat fl-4.00 p.m.

## 4. Attivita' Kulturali u Oħrajn

4.01 Iċ-Chairman Peter Bonello nforma lill-Kunsill li ġie avviċinat mill-Kunsill Lokali Qala sabiex flimkien tittella' serata folkloristika minn gruppi taljani u slovenji, nhar is-Sibt 7 t'Ottubru, fis-7.30 p.m, f'Xatt is-Sajjieda. L-ispiża għal din is-serata ser tkun ta'

madwar Lm300, imma il-Ministeru għat-Turiżmu ser jrodd lura Lm150 (Ara Appendiċi 'B').

4.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li:

- L-Kunsill jaċċetta l-istedina
- Jsir avviż fuq Education 22, u fil-gazzetti, il-parti ta' l-avviżi bla ħlas, li ser issir l-attivita'.
- Il-Kunsill jitlob li jingħata sponsorship / donazzjoni biex waqt is-serata jingħata l-ikel u xorb.
- l-Kunsillier Richard Scicluna jqassam dawn l-ittri lil istabbilimenti biex il-Kunsill jingħata sponsorship / donazzjoni.

**5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet**

5.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ċ').

5.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

5.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.05 Il-Kunsill ġie nfurmat li ġew trasferiti Lm 10,000 mill-account tal-BOV għall-account ta' HSBC.

5.06 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u ġie deċiż unanimament li jiġu trasferiti Lm 5,000 oħra.

**6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets min-numru 2134 sa l-2144 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

6.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets mill-2134 sa l-2144.

6.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 7. Materji Oħra

7.01 Iċ-Chairman Peter Bonello f'isem il-Kunsill, feraħ lill-Kunsillier Karl Gouder li ħiereġ għall-elezzjoni ġenerali f'isem il-Partit Nazzjonalista.

7.02 Iċ-Chairman Peter Bonello nforma lill-Kunsill li l-Awtorita' dwar it-Trasport għadha ma tagħt l-ebda approvazzjoni sabiex fi Triq Afred Gauci, l-parking bays jsiru tip "fish bone" u ssir "road hump".

7.03 Ġie deċiż unanimament li:

- Jintalab tagħrif mingħand il-Field Services jekk Triq Alfred Gauci k/m Trejqet il-Bajja hiex privata filwaqt li l-Awtrorita' dwar it-Trasport tiġi mitluba tinforma lill-Kunsill jekk hemmx approvazzjoni biex saru id-double yellow lines fuq iż-żewġ naħat fi Triq Alfred Gauci k/m Trejqet il-Bajja Jekk jirriżulta li din il-parti tat-triq mhiex privata u d-double yellow lines m'għandhomx approvazzjoni dawn jitneħħew mill-Kunsill u jergħu jsiru l-parking bays.

- Tintbagħat ittra lill-pulizija li f'Telgħet Birkirkara qabel iddur għar-Regional Road hemm siġar privati li jagħtu għat-triq u qegħdin ta' periklu għal min jgħaddi minn hemm.

- Tintbagħat ittra lill-Uffiċċjal Awtorizzat ta' L.E.S. biex tingħata aktar attenzjoni mill-gwardjani lokali minħabba li qed isir abbuż mir-'reserved parking tal-persuni b'diżabilita'.

- Tintbagħat reminder għall-ilment dwar il-bridge ta' mad-dawra tal-baħar.

- isir railings fi Triq Forrest kantuniera ma' Wied Għomor.

- l-kuntrattur ta' l-'Upkeep and Maintenance of Roads' ineħħi t-terrapien li tefa' fil-plot fi Triq Garden Crescent meta għamel xogħolijiet fl-area.

- jitkompla s-saqaf tal-bus shelter li hemm fi Triq San Ġorġ faċċata tal-Każin tal-Banda u titressaq it-tabella tal-bus stop biex tiġi aktar viċin il-bus shelter.

- il-Pulizija tiġi nformata sabiex issir aktar solveljanza f'Paceville biex jiġi evitat il-vandaliżmu li qed isir.

- tiġi rranġata l-bankina fi Triq Arċisqof Romero.

7.04 Il-Kunsilliera Irene Borg ser tiċċekkja mar-Razzett tal-Ħbiberija d-data u l-prezzijiet biex isir coffee morning għall-anzjani fi żmien il-Milied.

7.05 Iċ-Chairman informa lill-Kunsill li ser ikellem lis-Sur Gafa' u jekk ma jitwaħħlux l-kaxxi ta' l-ittri f'Ta'Ġiorni ħdejn il-Merħba Pharmacy u fi Triq Bikirkara ser jinforma lill-Ministru responsabbli bis-sitwazzjoni.

7.06 Iċ-Chairman ser ikellem lill-kuntrattur Joe Vassallo sabiex iħallas il-kont ta' Saliba Bros. Jekk dan jibqa' ma jissetiljax il-kont għandha tintbagħat ittra uffiċċjali lis-Sur Vassallo.

7.07 Tintbagħat ittra lill-Kappillani tal-lokalita' sabiex jinfurmaw lill-Kunsill jekk hemmx oġġezzjoni li l-Kunsill iwaħħal notice board ħdejn il-knisja Lapsi, Balluta u Paceville.

7.08 Il-Kunsillier Richard Scicluna faħħar il-'good management' fl-amministrazzjoni u rringrazzja lill-iskrivani talli x-xogħol baqa' għaddej f'assenza tas-Segretarju Eżekuttiv.

7.09 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fil-4.55 p.m.

| | |
|---|---|
| Peter Bonello | Helen Walker |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |